SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

### LAQGĦA NUMRU 4710

Illum it-Tnejn, 15 ta' Novembru 2010
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.30pm.

### PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`. Nota: Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kunsilliera Gafa` ser tasal tard minħabba x-xogħol tagħha. Filfatt il-Kunsilliera Gafa` waslet fis-6.55p.m.

### ASSENTI

Ħadd

### TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

### 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 4610 li saret nhar it-Tnejn, 25 ta' Ottubru 2010 ġew moqrija u approvati kif emendati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Gutters fi Triq iż-Żnuber*

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 1.1.3 tal-laqgħa preċedenti fir-rigward tal-*gutters* li saru fuq il-bankini fi Triq iż-Żnuber. Huwa qal li meta l-kuntrattur irranġa dawn il-*gutters* għamilhom b'tali mod li issa qed iżomm magħhom karti u mbarazz ieħor. Huwa qal li aħjar m' għamel xejn u ħallihom kif kienu milli reġa' għamilhom ħażin. Is-Sindku qal li kien għadu ma rahomx u li kien ser jagħmel mezz biex imur jarahom.

### 1.1.2 *Monument ta' Kommemorazzjoni*

Is-Sindku rrefera għal monument ta' kommemorazzjoni li approva l-Kunsill fil-laqgħa preċedenti u qal li s-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li ma jistgħax jiġi kkummisjonat xogħol li jiswa €5000 mingħajr ma jiġu segwiti l-proċeduri finanzjarji tal-Kunsilli Lokali. Huwa qal li sforz l-entużjażmu ta' dak il-ħin ma ġitx ikkunsidrata din il-problema. Għaldaqstant ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jikteb lid-Dipartiment għal linja ta' gwida f'dan ir-rigward.

### 1.1.3 *Xogħolijiet fid-djar ta' nies anzjani*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għal minuta 4.1 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet jekk hux possibli li jingħata xi servizz lil persuni anzjani li jkollom bżonn xi manutenzjoni fid-djar tagħhom. Saret referenza għal applikazzjoni għal servizz ta' *handyman* li huwa servizz bla ħlas offrut mid-Dipatiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunita'. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistgħax iwettaq xogħol fid-djar tan-nies u m' għandux il-ħaddiema li jistgħu jwettqu dan ix-xogħol.

### 1.1.4 *Ringrazzjament*

Is-Sindku rrefera għal minuta 4.5 tal-laqgħa preċedenti u qal li xtaq jirringrazzja l-Kunsill talli ospita delegazzjoni mill-Kummissjoni ECOS tal-Kumitat tar-Reġjuni li għamlet waqfa qasira fi Ġnien is-Serenita'.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tnejn, 25 ta' Ottubru 2010 u it-Tnejn, 15 ta' Novembru 2010 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1337/10/O – Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta – Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Luqa *Bye-Pass*
- 1451/10/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Proġett ta' Latrina Pubblika
- 1432/10/O – L-Onor.Chris Said – Fondi tal-Kunsill

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1394/10/I – Awtorita' Tad-Djar – *Stairlift* fi Blokk R
- 1391/10/I – Malta Olympic Committee – MOC *Sports Awards*
- 1395/10/I – St Benedict College Sta Lucia Girls' Junior Lyceum – *Prize Day*
- 1388/10/I – Kurja tal-Arċisqof – Kunċert tal-Milied 2010
- 1450/10/I – Ministeru għar-Risorsi u Affarijiet Rurali – Proġett tal-latrina pubblika
- 1469/10/I – Uffiċċju tal-Prim Ministru – ERDF 215

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:*

- SLLC Memo 13/2010 - Premju Żgħażugħ tas-Sena 2010
  - *Newsletter* 17
  - *Tea Room* fi Ġnien is-Serenita'

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1394/10/I is-Sindku nforma li fuq talba tal-Kunsill, l-Awtorita' tad-Djar ser tneħħi l-i*stair lift* li hemm fi Blokk R.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1395/10/I il-Kunsill laqa' t-talba ta' l-iskola ta' St Benedict College Sta Lucia Girls' Junior Lyceum għal kotba għal librerija fl-okkazzjoni tal-*Prize Day*.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1450/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Ministeru għar-Risorsi u Affarijiet Rurali ma laqgħax it-talba tal-Kunsill biex ix-xogħol fuq il-proġett tal-latrina pubblika jsir mir-risorsi tal-Ministeru. Is-Sindku nforma l-Kunsill li għaldaqstant ser toħroġ sejħa pubblika għal dan il-proġett.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1469/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-applikazzjoni li ssottometta l-Kunsill għal fondi mill-ERDF 215 – *Reviving the Unique Tourism Product* ma ġietx magħżula mill-*Project Selection Committee*.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Żgħażugħ/a tas-Sena*

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar l-applikazzjoni li ġiet sottomessa għall-inizjattiva tal-Kerygma "Żgħażugħ tas-Sena 2010". Huwa qal li l-Kunsill ġie nfurmat bin-nomina ta' Ann Marie Agius permezz ta' *memo*. Huwa ppreżenta kopja ta' l-applikazzjoni sħiħa quddiem il-Kunsill.

### 4.2 *EU Funding Consultancy*

Is-Sindku tkellem dwar proposta tas-Sur Malcolm Borg, ex-Kunsillier ta' Santa Luċija dwar EU *Funding*. Is-Sindku qal li biex il-Kunsill ikun jista' jwettaq il-proġetti tiegħu hemm bżonn tal-fondi mill-Unjoni Ewropea u m'hemmx triq oħra. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta tas-Sur Borg u qabel li jkun aktar vijabbli għal Kunsill jekk jintalab *fee* għal kull proġett li għalih issir applikazzjoni għal fondi.

### 4.3 *Servizz ta' Webmaster*

Il-Kunsill iddiskuta proposta ta' servizz ta' *webmaster* bl-għan li l-*website* tal-Kunsill tinżamm aktar aġġornata. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li jista' jkun hawn żgħażagħ fil-komunita' ta' Santa Luċija li jkunu ntiżi fuq dan is-suġġett li lesti li jagħmlu dan b'mod volontarju. Il-Viċi Sindku qal li kien hemm persuna li illum irtirata li diġa offriet li tagħmel dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li ser ikellem lil dan l-individwu u jara għadux interessat.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3309 sa numru BOV3329 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Ottubru (CM47(01)).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 4610.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Ottubru 2010 Ammont *Gross* €4996.27

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv.Ottubru 2010 | 2061.50 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | Serv.Ottubru 2010 | 507.73 |
| Nexos Street Lighting | Str.Light | 2008720 | 900.68 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | PABX *fixed mobile line* | 119.22 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Serv.Ottubru 2010 | 2826.25 |
| Ronald Bezzina | SLLQ(57/10/06) | *Bowser service* – Ottubru 2010 | 300.00 |
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/01) | *Diesel indexation* Mejju-Ottubru 2010 | 99.63 |
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | Serv.Ottubru 2010 | 131.53 |

## 6. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

### 6.1 *Attivita' għat-Tfal*

Il-Kunsill qabel li jorganizza attivita' għat-tfal ta' bejn it-tlett snin u t-tnax-il sena. Din l-attivita' ser issir fi Ġnien is-Serenita' nhar is-Sibt, 11 ta' Diċembru 2010 mid-9.30a.m sal-11.30a.m. Waqt din l-attivita' ser ikun hemm logħob u divertiment offrut mill-kumpanija Once Upon a Time. F'każ ta' maltemp din l-attivita' għandha ssir fis-Sala tal-Parroċċa.

### 6.2 *Attivita' għall-Anzjani*

Il-Kunsill qabel li ssir attivita' għall-anzjani fis-Sala tal-Parroċċa nhar it-Tnejn, 20 ta' Diċembru 2010. Waqt din l-attivita' ser ikun hemm divertiment mid-Dulli u Vernonica flimkien ma' żfin u kant ieħor.

### 6.3 *Pantomina tal-Milied u Ċirku*

Il-Kunsillier Joe Bonello qal li ser jorganizza żewġ ħarġiet marbuta ma' dawn il-ġranet ta' festa. Waqt dawn l-attivitajiet residenti ser jittieħdu jaraw Pantomina liema attivita' ser issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Diċembru 2010. L-attivita' l-oħra hija ħarġa għaċ-Ċirku li ser issir nhar it-Tlieta, 21 ta' Diċembru 2010.

### 6.4 *Festin tal-Milied*

Il-Kunsill qabel li jorganizza festin tal-Milied skond ir-regolamenti l-ġodda li ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

### 6.5 *Xmas Football Festival*

Is-Sindku ppropona li jiġi organizzat football festival għan-*nurseries* f'dawn il-ġranet tal-Milied meta t-tfal ikunu bil-vaganzi. Huwa qal li dan qed jissejjaħ festival għax mhux ser ikun hemm kompetizzjoni iżda l-għan huwa li t-tfal jieħdu pjaċir jilgħabu l-*football*. Huwa qal li l-arranġamenti għal din l-attivita' sportiva għandhom isiru bil-kollaborazzjoni tal-*Football Nursery* ta' Santa Luċija. Il-Kunsill min-naħa tiegħu għandu jagħti midalja kommemorattiva lil kull min jipparteċipa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 7. XOGĦOLIJIET

### 7.1 *Bankina fi Triq l-Għansar*

Is-Sindku rrefera għal proġett ta' xogħol ta' *upgrading* fi Triq l-Għansar li ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti. Huwa ppropona li b'effett immedjat issir il-parti tal-bankina fejn hemm il-periklu peress li din tiżloq ħafna u diġa waqgħu xi nies. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### 7.2 *Kiosk fil-Picnic Area*

Is-Sindku tkellem dwar proġett fil-Picnic Area u qal li dan jikkonsisti fil-bini ta' gabbana f'din l-*area*. Huwa qal li xtaq jerġa' jqajjem din il-proposta li l-pjanti tagħha kienu tħejjew mill-perit Alfred Grech. Huwa qal li l-perit Grech kien tkellem mal-Mepa dwar din il-proposta u jidher li fi *green area* bħal din jista' jsir żvillupp sa 25%. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qal li ilu jinħass il-bżonn li f'Santa Luċija jkun hawn xi stabbiliment tal-*catering*. Il-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni għal permess tal-Mepa biex dan il-proġett ikun jista' jiġi attwat.

### 7.3 *Major Patching fi Triq Katerina Vitale u Triq il-Fortizza*

Is-Sindku qal li qed isiru l-arranġamenti neċessarji biex jibda x-xogħol ta' *major patching* fit-toroq hawn fuq imsemmija.

### 7.4 *Oħrajn*

Il-Kunsill qabel li ssir manutenzjoni tat-tabelli li hemm fit-toroq prinċipali biex jindikaw l-isem tas-*side streets*.

Il-Kunsill qabel li jsir *rail* ma' rampa li hemm fi Triq Tursin il-Bir.

Il-Kunsill qabel li tintalab approvazzjoni ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport biex issir *zebra crossing* fi Triq il-Peprin quddiem il-Ġnien Ċiniż.

Il-Kunsill qabel li jibdel id-*dustbins* qodma m'oħrajn ġodda li jkunu aktar prattiċi biex jitbattlu u jinżammu ndaf.

## 8. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 7 ta' Diċembru 2010 fis-1.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati illum it-Tlieta, 7 ta' Diċembru 2010**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**